



TESTI ADOTTATI

P8_TA(2017)0121

L-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-vetturi fil-Finlandja, is-Slovenja, ir-Rumanija, il-Polonja, l-Iżvezja, il-Litwanja, il-Bulgarija, is-Slovakkja u l-Ungerija *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-vetturi fil-Finlandja, is-Slovenja, ir-Rumanija, il-Polonja, l-Iżvezja, il-Litwanja, il-Bulgarija, is-Slovakkja u l-Ungerija u li tissostitwixxi d-Deċiżjonijiet 2010/559/UE, 2011/387/UE, 2011/547/UE, 2012/236/UE, 2012/664/UE, 2012/713/UE, 2013/230/UE, 2013/692/UE u 2014/264/UE (13529/2016 – C8-0518/2016 – 2016/0821(CNS))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (13529/2016),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif emendat mit-Trattat ta' Amsterdam, u l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji, li b'mod konformi magħhom il-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0518/2016),
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tagħha,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 78(c) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0095/2017),
1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

¹ ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1.

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;
4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.